Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imħallef Consuelo Scerri Herrera, LL.D., Dip Matr., (Can)

Appell Nru: 363 / 2018

**Il-Pulizija**
**Spettur Roderick Attard**

**vs**

**David Sammut**

Illum 6 ta' Dicembru 2018.

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellanti, David Sammut detentur tal-karta tal-identità 0437394 (M), akkuzat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli:

Nhar is-17 u 18 ta' Lulju, 2018, ġewwa l-fond 78, Rosann, Triq San Luqa, Żurrieq u/jew f' dawn il-gżejjer:

1. Ikkaġuna feriti ta' natura ħfief fuq il-persuna ta' ommok, cioè Rosa Attard, detentriċi tal-karta tal-identità numru 28963(M) hekk kif ċertifikat minn Dr. Karl Cascon u minn Dr. Dale Brincat u dan bi ksur tal-Artikolu 221 (1) tal-Kapitlu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

2. U aktar talli fl-istess data, lok u ċirkostanzi, u fil-jiem u x-xhur ta' qabel, bl-imġieba tiegħek ikkaġunajt lill-istess Rosa Attard biża' li se tintuza vjolenza kontriha u dan bi ksur tal-Artikolu 251 (B) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

3. U b' hekk irrenda ruħu reċediv ai termini tal-Artikoli 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Il-Qorti hija mitluba li f' każ ta' ħtija tipprovdi għas-sigurtà ta' Rosa Attard jew individwi oħra jew għaż-żamma tal-ordni pubblika, jew għall-iskop ta' protezzjoni tal-persuna leża jew individwi oħra minn fastidju jew imġiba oħra li tikkaġuna biżà ta' vjolenza, toħroġ ordni ta' protezzjoni kontra l-akkużat dan ai termini tal-Artikoli 412 C tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Il-Qorti hija ġentilment mitluba li f' każ ta' ħtija, minbarra li tinflingi l-piena stabbilita mill-liġi, tordna lill-imsemmi persuna sabiex iħallas l-ispejjeż li għandhom x' jaqsmu mal-ħatra tal-esperti jekk ikun il-każ ai termini tal-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali ta' nhar is-26 ta' Settembru, 2018, fejn il-Qorti wara li rat l-artikoli 49, 50, 221 (1) u 251 (B) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, wara li kkunsidrat il-gravità u n-natura tal-akkuzi migjuba kontra l-imputat u l-ammissjoni bikrija tal-imputat, fuq ammissjoni sabet lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u (1) ikkundannatu sentejn prigunerija li bl-applikazzjoni tal-Artiklu 28 A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta qed jigu sospizi ghal erba' snin, u (2) poggiet lill-imputat taht Ordni ta' Servizz fil-Komunità u ikkundannatu mija u hamsin siegha xoghol fil-komunità ai termini tal-Artiklu 11 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta, kif ukoll (3) harget Ordni ta' Protezzjoni favur il-vittma Rosa Attard ghal zmien ai termini tal-Artikolu 412 C tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta ghal zmien sentejn mill-lum.

Il-Qorti spjegat lill-imputati fi kliem car l-import ta' din is-sentenza.

Rat ir-rikors tal-appell tal-appellant David Sammut, prezentat fir-registru ta' din l-Onorabbli Qorti nhar l-1 t' Ottubru, 2018, fejn talab lil din l-Onorabbli Qorti sabiex jogħġobha:

Tvarja, tirriforma u timmodifika s-sentenza apellata mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali fl-ismijiet **Il-Pulizija v. David Sammut**, nhar is-26 ta' Settembru, 2018 billi tilqa' dan l-appell u filwaqt illi tikkonfermaha in kwantu s-sejbien ta` ħtija dedotta kontra l-appellanti tirrevokaha u tħassarha fil-parti tal-piena u tinfliġġi piena iktar idonea u inqas ħarxa li tirrispekkja l-każ in eżami.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellati.

Rat l-atti kollha tal-kaz.

Rat illi l aggravji tal-appellant huma cari u manifesti u jikkonsistu fis-segwenti, u cioe:

Illi filwaqt li l-appellanti fehem il-konsegwenza ta' għemilu u kien għalhekk li kkollabora bis-sħiħ mal-Pulizija u rreġistra ammissjoni bikrija, fl-istess waqt kien għalhekk li l-apellanti stenna li l-istess Qorti timxi b' kawtela u b' reqqa meta għaddiet sabiex tinfliġġi piena fuq l-appellanti.

Illi l-Ewwel Qorti naqset għal kollox li tqis iċ-ċirkostanzi li wasslu għal-każ odjern. Primarjament l-Ewwel Qorti kellha tqis li minkejja l-ħajja diffiċli ta' swat u miżerja li l-omm *parte civile* b' mod għall-kollox irresponsabbli dejjem infliġġiet fuq binha, l-Ewwel Qorti xejn ma qieset li l-akkadut proprju ġara minħabba li l-omm kienet kontinwament tabbuża l-binha tul il-kors kollu ta' ħajtu. Filwaqt li sa kemm l-appellanti kien għadu minuri, dan l-abbuż kien wieħed fiżiku, mentali u emozzjonali dan kompli jimmaterjalizza meta l-appellanti sar maġġorenni.

L-ewwel Qorti naqset bid-dovut rispett li tifhem li b' impenn u dedikazzjoni kbira l-appellanti kien qiegħed jittollera l-ommu tgħix f' post tiegħu fejn hi ma kellha l-ebda titolu fuqu u dan minkejja t-trobbija ħażina li hija dejjem tagħtu u x-xogħol tagħha ta' prostituzzjoni li hi dejjem esponietu għalih. Filwaqt li l-omm kellha tifhem u tgħożż is-sagrifiċċju li kien qiegħed jagħmel l-appellanti binha, hi xorta waħda baqgħet iġġib ruħha b' mod abbużiv anki fi kliemha li provrju rrijavviża fi provokazzjoni inkontrollabli li wassal għal dan l-isfortunat incident.

B' dan ma jfissirx li b' xi mod jew ieħor l-aġir ta' l-appellanti għandu jitqies li kien wieħed tajjeb madanakollu l-ewwel Qorti kellha tqis iċ-ċirkostanzi kollha li wasslu għal dan il-każ, l-ammissjoni bikrija ta' l-appellanti u primarjament tiddistingwi l-aġir tiegħu minn dak ta' criminal komuni hekk imsejjaħ *hardened criminal* li ċertament ma kienx l-appellanti fil-każ odjern.

Illi iktar minn hekk, kien proprju għalhekk li d-difiża talbet sabiex l-ewwel Qorti jkollha l-gwida ta' *probation officer* tramite ta' *pre-sentencing report* sabiex b' hekk l-ewwel Qorti jkollha l-opportunita' quddiemha li tevalwa l-appellanti quddiema lill' hinn mill-isbarra ġo l-awla iżda tmiss u tara r-realta' li biha għaġen u wassal in każ in eżami.

Illi kif jirriżulta ampjament, l-appellanti m' għandi l-ebda vizzji u dan huwa stat prestiġjuż meta tqis l-abbuż li ommu ssottomettietu għalih. Huwa vera krudili, hekk kif xehed l-istess *probation officer* is-Sur Dorian Cornelius li l-omm saħansitra lura għal meta l-imputat kien għad kellu ħames snin (5) biss hi ilmentat fuqu mal-*probation officer* flok għarfet ir-responsabbilta' u t-trobbija kruċjali li hija kellha tipprovdi lil tifel ta' ħames snin.

Illi l-omm dejjem twaħħal fl-appellanti biha għal kull incident li setgħa ġara flok hi tagħraf li kien proprju t-trobbija diżgustanti u tal-mistħija li tatu hi li wassal proprju għall-provokazzjoni li mmaterjalizza fl-inċident li wassal lill-appellanti quddiem din l-Onorabbli Qorti. Kien fortunatament grazzi għall-familjari paterni li huma soċji tal-Mużew li nibtu fl-iben gwijda tajba li salvaw lill-appellenti vittma, liema turija ta' rispett li ġie muri lill-abbużiva omm xejn ma ġie apprezzat minnha iżda kompliet tabbużah sakemm wassal għall-inċident odjern.

Illi hu proprju għalhekk li fl-assjem ta' dan kollu ċertament l-appellanti jisħaq li l-piena imposta fuqu hi għal kollox eċċessiva u ċertament mhux idonea fil-każ in eżami. L-impożizzjoni ta' piena ta' priġunerija u dan minkejja sospiża mhux biss ser tidfen kull tama li l-esponenti jibni ħajja ġdida l-bogħod mill-abbuż u l-isfortuna li hu sofra tul ħajtu kollha iżda ser tibqa' teba' fuq ħajtu, teba' li żgur ma tixraqx lill-appellanti li ċertament hu l-vittma fil-każ in eżami u mhux il-kontra. L-ewwel Qorti kellha kull opportunita' li tinfliġġi piena ħafna iktar idonea bil-għan riformattiv u mhux bil-għan ta' tpattija iżda naqset serjament milli tagħmel dan.

Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost, wieħed tajjeb li jinsisti li preċedentement qabel l-ammissjoni bikrija ta' l-appellanti kien hemm ukoll patteġjament informali bejnu u bejn il-Prosekuzzjoni li minkejja li l-Ewwel Qorti qablet miegħu, sfortunatament u ċertament b' mod għal kollox aċċidentali ma ġiex rifless fis-sentenza li minnu qiegħed l-appellanti jinterponi dan l-umli appell.

Semght lill-partijiet jittrattaw il-kawza u dan fis-seduta tal-20 ta' Novembru 2018 fejn talbu lil din l-Onorabbli Qorti tghaddi ghas-sentenza finali taghha.

Ikkunsidrat.

Rat l-okkorenza esebita fl-atti a fol 9 markata bhala dok RA4 minn fejn jirriulta li PS 1227 Malcolm Pace kien ircieva telfonata mill-Control Room tal-pulizija fejn gew mitluba jaghtu assistenza minhabba li kien hemm argument familjari fil-fond 78, Triq San Luca, Zurrieq.

Il-Pulizija tad-distrett marru fuq il-post fejn x'hin waslu sabu il-mara Rose Attard fuq il-bejt u bdiet taghmel sinjal biex icemplu l-qanpiena tal-bieb. Kif il-pulizija cempu l-qanpiena, lehen maskili minn gewwa staqsa min hemm u gie infurmat li kien hemm il-pulizija u gie mitlub sabiex jiftah il-bieb. Fil-pront nizlet l-omm u infurmat lill-pulizija li kellha argument mat-tifel taghha fejn kien ghamlilha xi griehi. Gie innutat li l-mara kellha demm m'ghonqa u kif ukoll ma felhitx iccaqlaq idejha l-leminija. Il-mara bdiet tilmenta li wara li kellhom argument. It-tifel taghha, David Sammut kien qasmilha rasha. Il-pulizija staqsietha jekk kellhiex tmur gewwa ic-Centru tas-Sahha sabiex tigi medikata ghal griehi li kellha izda kkonfermat li ma kellhiex tmur izda kienet ser iccempel lit-tifel taghha, l-iehor biex johodha c-Centru tas-Sahha. It-tifel

gie mitlub sabiex jinzel mal-Pulizija l-ghassa sabiex ikomplu bl-istharrig. It-tifel kif sema' hekk telgha fuq il-bejt u beda' jaghmilha qisu qed icempel lill-avukat tieghu Dr Franco Debono. It-tifel intalab jinzel biex imur mal-pulizija u dan beda' jghid li jekk jitressaq il-Qorti kien ser imur Had Dingli u jaghtiha minn hemm ghaliex ma riedx jiccappas mal-Qorti.

Inghad fir-rapport li fuq din l-allegazjoni li Rose Attard get imsawta minn binha l-appellant l-Ispettur Roderick Agius ordna l-arrest tal-appellant u sabex jittiehed fil-lock up tal-Pulizija gwwa l-Furjana. Dan gie moghti d-drittijiet tieghu pero' stqarr li kien ser ikellem lill-avukat tieghu qabel ma iressquh il-Qorti.

Il-pulizija tkellmet ma l-appellant ftit wara u dan wera d-dispjacir tieghu u stqarr li mohhu ibblankja. Jaf li kelhom xi argument qabel fuq xi problema li kellhom id-dar izda xejn aktar. Il-Pulizija tkelmet ukoll ma Rose Attard fejn din allegat li binha ried jiekol izda hija ma kient sajret xejn ghaliex kellhom xi jghidu lejliet u kienet qaltlu li ma kienet ser issajjarlu aktar. Binha talabha biex tmur tixtri xi take away izda qaltlu li ma kellhiex aptit u riedet tiekol biss bicca hobza bit-tadam. Ghalhekk tghid li dan ifferocja u beda jsawwatha u itiha bil-ponn. Qalet li bid-daqqiet li qalghet hasha hazin u marret titrieh fuq is-sodda. Meta ra hekk mar hdejja u qallha li kellha rasha bid-demm u ftit wara nizel isfel. Hija telghet fuq il-bejt ghal ftit arja u rat l-gara taghha u talbitha icempel lill-pulizija

Spjegat li binha kien tefghalha flixkun spirtu tal-idejn tal-isptar go rasha u qabad l-lighter u heddidha li kien ser jahraqilha xaghrha pero' tefietu. Qalet li kient ilha snin twal issofri swat minghand binha u li beda isawwatha l-ewwel darba meta kien ghad kellu hdax-il sena. Tgid li rega' beda isawwatha meta ghalaq sbatax-il sena u din id-darba bil-goff. Qaletl li kient gia irraportatu u tellghtu l-Qorti izda kienet hafritlu. Spjegat ukoll diversi okkazzjonijiet fejn sahansitra kien sawwatha u kisisrilha subghajha ta' sieqha.Tghid li ghajjarha kemm il-darba u offendiha bla qies.

Rose Attard pprezentat lill-pulizija zewg certifikati medici li jinsabu esebit fl-atti u markati bhala dok RA5 u RA6 a fol. 15 et seq.

Minn esami ta' dawn ic-certifikati jirrizulta li fit-18 ta' Lulju 2018, Rose Attard giet invistata mit-tabib gewwa c-Centru tas Sahha tal-Floriana f'hinijiet differenti. Fl-

4.30p.m. Dr. Cassar sab li kellha dbengil fuq rasha u fuq l-ispalla tal-lemin u kklassifika il-feriti bhala ta' natura hafifa. Filwaqt li fl-10.30 Dr. Bianchi sab li kellha dbegil fuq l-ispalla tal-lemin, ugiegh fil-muviment, dbengil fuq il-minkeb tal-lemin u kellha wkoll l-minkeb minfuh, l-idi l-leminija kellha xi dbengil u xi dbengil fuq ir-ras. Dawn il-feriti ukoll gew klassifikati bhala ta' natura hafifa.

Rat ir-ritraatti esebiti a fol. 17 markati bhala dok RA 7 fejn jirrizulta l-persuna ta' Rose Attard b'diversi tbengil.

Rat ukoll l-istqarrija tal-appellant stess rilaxxjata minnu l-ghada tal-incident u cioe' fid-19 ta' Lulju 2018 esebta fl-atti u markata bhala dok RA 8 a fol. 18. Fejn huwa ghogbu ma jwigeb ghall-ebda domanda li saritlu salv li jghid li ghandu karaozza u jahdem ma tal-air conditioners.

Rat illi l-appellant irregistra ammissjoni fl-1 ta' Awwissu 2018 wara li l-proskeuzzjoni tablet korrezzoni fl-akkuza u dakinhar stess l-ewwel Qorti innominat Probation Officer sabiex thejji pre-sentencing report u ordnat li tul dawn il-proceduri jinhareg Ordni ta' Supervisjoni kif ukol l-Ordni ta' Protezzjoni favur l-allegata vitma Rose Attard.

Rat ix-xhieda tal-Probation Officer **Dorian Cornelius** moghtija nhar il-5 ta' Settembru 2018 ( fol. 51). Dan spjega li l-appellant kien tilef lil missieru meta kellu xi sena u tlett xhur u r-relazzjoni tieghu ma ommu qatt ma kienet wahda tajba u fil-present kienu qed jiehdu hsiebu iz-zijiet tieghu billi ituh l-ghajnuna kollha necessarja. Mis-sena 2011 dejjem kien impjegat b'mod regolari u fil-fatt illum il-gurnata qed jahdem bhala store keeper. Jidher li l-aeppellant qatt ma kellu kuntatt ma xi agenzija li tiehu hsieb kontra d-droga u t-test tal- awrina li ittiehdet tieghu ta' rizultat negattiv ghal presenza ta' droga. Fil-fehma tal-probation officer din il-Qorti ghandha taghti lill-appellant sentenza fil-komunita' sabiex huwa jkollu jiehu l-ghajnuna li ghandu bzonn.

Qalet li peress li l-appellant qed jinsab taht il-krua taz-zijiet hemm l-affarjieti li ma jafx jghamilhom. Enfasizza li r-relazjoni ma ommu ma tantx hija tajba u jistghu jahdmu fuqha bil mod il-mod. Minn dak li irrizultalu meta tkellem ma' Rose Attard

jidher li l-appellant min dejjem kien aggressiv maghha. Infatti semmietlu storja meta l-appellant kien ghad ghandu hames snin.

Jghid li mieghu l-appellant gab ruhu sew, bla problem ta' xejn. Tkelmu b'mod civili hafna. Minn esami tal-fedina penali tieghu ma jidhrix li kellu xi problemi ma haddiehor salv ghal incident wiehed registrat fis-sena 2013. Tghid li David qallha li m'ommhu kient idahhal hafna irgiel id-dar pero' Rose Attard dan tichdu. Tghid li David ghandu certu rabja minhabba f'hekk pero' lest li jahfrilha. Mistoqsi jekk ghandhomx xi servizzi li jsitghu jghinu lil David jghid li hemm psikologist fid-dipartiment li jista' jghati l-ghajuna li hemm bzonn.

Il-Probation Officer ikkonkluda r-rapport tieghu li jinsab esebit fl-atti a fol. 57 et seq li jkun idejali jekk l-appellant jinghata sentenza fil-komunita' biex b'hekk ikun jista' jinghata l-ghajnuna sabiex jimxi 'l quddiem f'hajtu u jkun itar independenti. B'hekk ikun jista' jinghata aktar gwida biex ikun jsita' jimxi 'l quddeim f'hajtu u fil-karriera tieghu.

Fl-20 ta' Settembru 2018 l-Probation Officer pprezenta rapport iehor fejn stqarr li irrizultalu li l-impieg ta' l-appellant hu registrat mal Job Plus. Stqarr ukoll li David jixtieq imur lura id-dar sabix jerga' jibda hajtu mill-gdid. Jghid li appena jigri hekk ikun jista' ihares 'l quddiem sabeix ikompli hajtu bin-normalita' taghha. Ix-xewqa tieghu hi li jibda jahem bhala mekkanik pero' fil-present ma ghandu l-ebda kwalifiki ghal dan l-impieg pero' lest li jiehu l-korsijiet biex jilhaq dan l-iskop. Qal li David dejjem attenda ghall-appuntamenti flimkien maz-zijiet tieghu. Test tal-awrina tieghu ittiehdet ukoll izda ta' rizultat negattiv ghall-presenza ta' sustanzi illeciti.

Ikkunsidrat.

Illi dan hu appell limitat ghall-piena w kif dejjem gie ritenut din il-Qorti, bhala qorti ta' revizjoni, normalment ma tiddisturbax id-diskrezzjoni ezercitata mill-Ewwel Qorti fl-applikazzjoni tal-piena, sakemm dik il-piena ma tkunx tezorbita mill-parametri tal-ligi jew ma tkunx manifestament wahda esagerata. (Ara. "**Ir-Repubblika ta' Malta vs. David Vella**[1]", "**Ir-Repubblika ta' Malta vs. Eleno sive**

[1] Deciza mill-Qorti tal Appelli Kriminali nhar l-14 ta' Gunju1999

**Lino Bezzina**[2]" u ohrajn.) Illi kif kellha okkazzjoni tghid din il-Qorti, dan il-principju japplika ugwalment kemm f' appelli li jsiru mill-persuna misjuba hatja, kif ukoll f' appelli intavolati mill-Avukat Generali.

Fi kliem iehor, il-Qorti ta' l-Appell Kriminali ma tirrimpjazzax id-diskrezzjoni fl-apprezzament tal-provi ezercitata mill-Ewwel Qorti , izda taghmel apprezzament approfondit ta' l-istess biex tara jekk dik l-ewwel Qorti kienetx ragjonevoli fil-konkluzzjoni taghha . Jekk, izda, l-Qorti ta' l-Appell Kriminali tasal ghall-konkluzzjoni li l-Ewwel Qorti , fuq il-provi li kellha quddiemha, ma setghetx ragjonevolment tasal ghall-konkluzzjoni li waslet ghaliha , allura dik tkun raguni valida , jekk mhux addirittura mpellenti , sabiex din tiddisturba dik id-diskrezzjoni u konkluzzjoni. "(**Pul. vs. Carmelo Schembri**[3]; **Il-Pulizija vs. Ezzawi Mehemed**[4] ; u hafna ohrajn.) L-istess ghal dak li jirrigwarda l-piena nflitta mill-ewwel Qorti, din il-Qorti ma tiddisturbax id-diskrezzjoni tal-istess Qorti jekk dik il-piena tkun entro l-parametri permessi mill-ligi w ma tkunx wahda manifestament sproporzjonata.

Jidher minn dak mistqarr mill-Probation Officer li l-appellant kellu trobbija xi ftit imqanqla. Trabba bla misier u jidher li sa meta kien ghadu zghir hafna kellu problemi ma ommu, tant il l-appellant ilum qed jitrabba maz-zijiet tieghu. Jidher li l-appellant qatt ma inghata kura professjonal sabiex jindirizza l-problemi familjari li kien hemm. L-omm tirrakonta episodju ta' bejniethom meta kien ghad kellu hames snin. Qajla tista tghid din il-Qorti li ta' hames snin l-appellant kellu jinzamm resonsabbli ghall-agir hekk deskritt bhala aggressiv tieghu. Ghalhekk kien jispetta l-omm dak iz-zmien li tfittex ghajnuna ta' kif ghandha trabbi lil binha una volta dan wera l- atteggjament kif deskritt. Il-Qorti rat l-proccess kollu u jidher li l-appellant iddispjacih ta' dak li ghamel minnufih, li sahansitra illum jixtieq imur lura d-dar u jerga' jibda hajtu mill-gdid. Wera ix-xewqa li jibda kors ta' mekanik u ghalhekk ghandu ukoll l-ambizzjonijeit tieghu. Jirrizulta li m'ghandhux il-problema mishuta ta' abbuz ta' droga u dan ghaliex it-test tal-awrina li ittiehidlu ta' rizultat negttiv ghal-presenza ta' sustanzi illeciti. Jidher li l-appellant hu habbrieki u dan ghaliex mid-dokumentazzjoni esebita jidher li dejjem kien f'impieg u dan sahansitra anke hu

[2] Deciza mill-Qorti tal Appelli Kriminali nhar l-24 ta' April 2003.
[3] Deciza mill-Qorti tal Appelli Kriminali nhar it-28 ta' mejju 1995
[4] Deciza mill-Qorti tal Appelli Kriminali nhar it-3 ta' Novembru, 1995

rregistrat mac-centru tal-Job Plus. Il-Qorti qiset ukoll dak li mistqarr mill-Probation Officer li jkun ghaqli jekk l-appelalnt jinghata sentenza fil-komunita' u dan bil-ghan li jibqa' jigi segwit u jingieb lura fit triq it-tajba.

Issa, bhalma ntqal fis-sentenza ta' din il-Qorti fil-gurisdizzjoni superjuri taghha **Ir-Repubblika ta' Malta v. Rene` sive Nazzareno Micallef**[5]:

*"Il-piena ghandha diversi skopijiet. Wiehed minnhom huwa sabiex jigi ripristinat it-tessut socjali li jkun gie mcarrat bil-ghemil kriminali ta' dak li jkun. Taht dan la-spett jassumu importanza, fost affarijiet ohra, kemm ir-rizarciment tad-dannu da parti tal-hati kif ukoll irriforma tal-istess hati. Skop iehor tal-piena huwa dak li tigi protetta s-socjeta`. Dan l-iskop jitwettaq kemm billi fil-kaz ta' persuni li b'ghemilhom juru li huma ta' minaccja ghas-socjeta` dawn jinzammu inkarcerati u ghalhekk barra mic-cirkolazzjoni, kif ukoll billi, fil-kaz ta' reati gravi, is-sentenza tibghat messagg car li jservi ta' deterrent generali. Il-Qrati ta' gustizzja kriminali dejjem iridu jippruvaw isibu l-bilanc gust bejn dawn u diversi skopijiet ohra tal-piena."*

Din il-Qorti hi tal-fehma li fil-kaz in ezami jidher illi l-appellant qieghed fit-triq it-tajba u qieghed juri ix-xewqat mehtiega biex izomm in lineja mar-responsabbiltajiet tieghu. Is-socjeta` ghalhekk ma tistax tigi protetta billi timponi piena karcerarja minkejja sospiza izda billi, bl-ghajnuna ta' ufficjal tal-probation, ikompli jirresponsabbilizza ruhu, u dan anke billi jrodd xi haga lis-socjeta` permezz ta' servizz fil-komunita`.

Ghalhekk huwa l-kaz illi, l-appellat accettanti, jitqieghed taht ordni ta' probation u servizz sabiex ikun hemm ammont ta' supervizjoni minn ufficjal tal-probation filwaqt illi l-hati, permezz tal-hidma tieghu, ikun qieghed irodd lis-socjeta` offiza dak is-sodisfazzjon li hija tippretendi li ghandu jkollha minhabba l-agir kriminuz tieghu.

**Fl-ahharnett din il-Qorti tammonixxi severament lill-hati li jekk jonqos minn xi kondizzjoni elenkata fl-ordni ta' probation u servizz din il-Qorti mhijiex se tkun**

[5] moghtija fit-28 ta' Novembru 2006

**<u>propensa li turi l-ebda klemenza mieghu. Din hija l-ahhar opportunita` li sejra taghtih biex jibqa' fit-triq it-tajba.</u>**

Ghal dawn il-motivi tiddisponi mill-appell ta' l-imsemmi David Samut billi tirriforma s-sentenza appellata, tirrevokaha in kwantu kkundannatu ghal sentejn prigunerija sospiza ghall erbgha snin ai termini tal-artikolu 28A tal-Kap 9 tal-Ligijeit ta' Malta u minflok peress li hija tal-fehma li jissussistu c-cirkostanzi mehtiega u msemmija fl-Artikolu 7 tal-Kapitolu 446, kif ukoll ikun fl-aqwa interess tas-socjeta' u tal-appellant li flimkien mad-dispost tal-Artikolu 7 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, il-hati jitqieghed taht ukoll ordni imsemmi fl-Artikolu 11 tal-istess Kapitolu, wara li rat, u a tenur tal-Artikoli 7, 11 u 18 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta qeghda tpoggi lill-hati David Samut taht ordni ta' probation u servizz, fis-sens illi : -

(a) tpoggi lill-hati David Sammut taht Ordni ta' Probation ghal perjodu ta' tliet (3) snin millum b'dan li ghal dan l-iskop qeghda tordna li l-istess David Sammut jitqieghed taht is-sorveljanza ta' Ufficjal tal-Probation indikat lilu mid-Direttur tas-Servizzi tal-Probation u Parole, liema ordnijiet huma soggetti ghall-kundizzjonijiet elenkati fid-digriet moghti illum stess u anness ma din is-sentenza u li jifforma parti integrali minnha; u

(b) tqieghed lill-istess David Sammut taht ordni ta' servizz fil-komunita bil-kundizzjoni li jaghmel xoghol bla hlas ghal mija u hamsin siegha ( kif ordnat mill-ewwel Qorti) f'dak il-post u b'dawk l-arrangamenti li jsiru mid-Direttur tas-Servizzi tal-Probation u Parole u bil-kundizzjonijiet kollha l-ohra imsemmija fid-digriet hawn anness., u bil-kundizzjonjiet l-ohra indikati fl-istess ordni hawn anness.

Dan l-ordni qed isir wara li din il-Qorti spjegat lill-appellant bi kliem li jiftiehem sew l-effett ta' l-ordni u li jekk huwa jonqos li jikkonforma ruhu maghha jew jaghmel xi reat iehor, huwa jkun jista' jinghata sentenza ghar-reat originali.

Il-Qorti qieghda ukoll tikkonferma pero' l-Ordni ta' Protezzjoni mahruga ai termini tal-artikolu 412C tal-Kap 9 moghtija favur l-vittma ghall-perijodu ta' tlett snin millum.

Ai termini tal-Artikolu 7(8) tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti tordna li kopja ta' din is-sentenza u tal-ordni ta' probation bid-Digriet ta' llum stess ghandhom jigu trasmessi minnufih lid-Direttur tas-Servizzi ta' Probation u Parole sabiex jassenja Ufficjal tal-Probation biex ikun responsabbli ghas-sorveljanza ta' David Sammut.

Il-Qorti taghti r-rakkomandazjoni taghha sabeix possibilment jigi nominat l-istess Probation Officer li gja ha konjizjoni tal-kaz odjern u dan bil-ghan li jkompil jibni minn fejn waqaf.

(ft) Consuelo-Pilar Scerri Herrera

Imhallef

VERA KOPJA

Franklin Calleja

Deputat Registratur

Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imħallef Consuelo Scerri Herrera, LL.D., Dip Matr., (Can)

Appell Nru: 363 / 2018

**Il-Pulizija**

**Spettur Roderick Attard**

**vs**

**David Sammut**

Illum 6 ta' Dicembru 2018.

ORDNI TA' PROBATION

[Artikolu 7(1) tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta' Malta]

Billi b'sentenza moghtija llum fil-kawza fl-ismijiet fuq premessi l-imsemmija persuna mputata DAVID SAMMUT ta' tlieta w erbghin sena bin Annettu u Rosa Attard, imwieled nhar l-ewwel is-6 ta' Ottubru 1994 u residenti 78, Rosamm, Triq San Luqa, Zurrieq , detentur tal-karta tal-identita' li ggib in-numru 0437394(M) tigi mpoggija

taht Ordni ta′ Probation ai termini tal-artikolu 7(1) tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta' Malta ghal perjodu ta′ tlett (3) snin mill-lum.

Wara li kkunsidrat li jkun xieraq li jsir dan l-Ordni ta′ Probation;

Wara li fissret bi kliem car l-effetti ta′ dan l-Ordni ta′ probation lil persuna mputata, inkluz l-htigijiet mizjuda skond s-sub artikolu 7(1) tal-Kap 446 w innutat li l-istess persuna mputata wriet li trid thares l-htigijiet ta′ din l-istess Ordni;

Tordna lil persuna imputata titqieghed taht ordni ta′ probation ghal perjodu ta′ tlett (3) snin mill-lum taht dawn il-htigijiet:

1. Illi matul dan il-perjodu l-persuna mputata ghandha ggib ruhha tajjeb, tghaddi hajja ta' bzulija u toqghod ghad-direttivi kollha tal-Probation Officer, inkluz kull direttivi li l-Probation Officer jhoss li jkunu necessarji sabiex ma tiffrekwentax certu postijiet u/jew certi nies;

2. Illi l-persuna mputata ghandha tibqa′ zzomm kuntatt kontinwu mal-istess Probation Officer skond d-direttivi li dan jaghtiha minn zmien ghal zmien u partikolarment hija ghandha, jekk l-Probation Officer jkun irid hekk, tircievi zjarat tieghu fid-dar taghha;

3. Illi l-persuna mputata ghandha minnufih tgharraf lil Probation Officer b'kull tibdil ta' residenza u/jew xoghol taghha;

4. Illi l-persuna mputata ghandha tidher quddiem il-Qorti flimkien mal-istess Probation Officer kull sitt xhur fid-data w il-hin li jigu komunikati lilha mill-istess Probation Officer bl-iskop li l-Qorti jkollha rapport dwar l-andament u l-imgieba tal-persuna mputata; u

5. Li l-persuna mputata tibda tfittex l-ghajnuna ta′ psikologa sabix tindirizza kul probmena psikologika li talvotla ghandha minhabba it- trobbija taghha.

6. Li jghati il-mija u hamsin siegha servizz fil-komunita′ skond pjan li jigi imfassal ghalih mill-istess Ufficcjal tal-Probation.

Tordna li kopja ta' din l-Ordni tinghata lil hati u lid-Direttur inkarigat mill-Ufficju tal-Probation Services.

……………………………..                                        ……………………………….

David Sammut                                                                     Deputat Registratur

Mob. No. ………………………